StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA PRIMARJA 2009**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IL-ĦAMES SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa**

**A. <u>Imla l-vojt bil-kliem fil-kaxxa ta' taħt</u>**

Mosè kien _____________, imma twieled fl-____________. Il-_______________, is-sultan tal-Eġittu, kien jaħqar lil-Lhud b'ħafna ______________ u xogħol iebes. Darba ħareġ liġi li kull _____________ Lhudi li jitwieled kellu jkun _____________ billi jixħtuh fix-______________. Mosè wkoll kellu jkun maqtul. Imma biex issalvah, ommu qegħditu f'_____________ tal-qasab u ħallietu fejn kienet tgħum it-_____________ tal-Fargħun. Meta salvatu, it-tifla tal-Fargħun riedet iżżommu u _______________ hi. Hekk Mosè trabba u_______________ fil-________________ tal-Fargħun fejn ______________ affarijiet importanti li swewlu ħafna.

Meta kiber, _____________ ra Eġizzjan isawwat wieħed Lhudi. Huwa mar ______________ għal-Lhudi u qatel lill-Eġizzjan.

**(15-il marka)**

| |
|---|
| **xmara, jaqbeż, Mosè, trabbieh, palazz, tgħallem, kiber, qoffa, Fargħun, Lhudi, swat, tifel, maqtul, Eġittu, tifla** |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**B. Qabbel ma' xulxin billi timla n-numri minn 2 sa 11 fil-kolonna tan-nofs. L-ewwel waħda hija eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Alla hu minn dejjem | | tkunu qegħdin tagħmluh miegħi. |
| 2 | La ssemmix l-isem ta' | | hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin. |
| 3 | Dak li tagħmlu ma' wieħed minn dawn iż-żgħar | | u 'l ommok. |
| 4 | Il-Kmandamenti huma bħal | | għax tagħhom hija s-saltna tas-smewwiet. |
| 5 | Agħti ġieħ lil missierek | | isir minni skond kelmtek. |
| 6 | Ġesù għaqqadna miegħu | **1** | u jibqa' għal dejjem. |
| 7 | Jiena l-qaddejja tal-Mulej; | | u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek. |
| 8 | Imbierka inti fost in-nisa | | ħwejjeġ tal-oħrajn. |
| 9 | Kif ħabbejtkom jien | | bħal friegħi mad-dielja. |
| 10 | Henjin il-fqar f'qalbhom | | Alla għal xejn b'xejn. |
| 11 | La tixtieqx | | boxxla li twassalna għand Alla. |

**(10 marki)**





www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Ċ. Wieġeb Veru jew Falz billi timmarka ✓ fejn suppost.**
**L-ewwel waħda hija eżempju.**

| | VERU | FALZ |
|---|---|---|
| 1. Mosè kien Lhudi, imma twieled fl-Eġittu. | ✓ | |
| 2. Isaija kien il-mexxej tal-poplu Lhudi. | | |
| 3. Ġesù huwa l-ikbar mgħallem tagħna. | | |
| 4. San Ġorġ Preca waqqaf is-Soċjetà tal-MUSEUM. | | |
| 5. F'Għid il-Ħamsin niċċelebraw it-twelid ta' Ġesù. | | |
| 6. Il-Fargħun kien is-sultan tal-Eġittu. | | |
| 7. Eżekjel kien profeta. | | |
| 8. Ġesù ma jħobbx in-nagħaġ tiegħu. | | |
| 9. Il-profeti jwasslu l-messaġġ ta' Alla lill-oħrajn. | | |
| 10. San Pietru għammed l-ewwel Insara. | | |
| 11. David kien jaf idoqq l-arpa. | | |

**(10 marki)**

**D. Kompli dawn is-sentenzi skont kif taħeb int BĦALA NISRANI.**

1. Meta naraw li ħaddieħor għandu raġun, għandna_________________

   ________________________________________________________

2. Meta naraw li għandna tort, għandna ___________________________
3. Inkunu Nsara veri u mhux tal-isem biss meta____________________

   ________________________________________________________

4. Inkunu tajbin u onesti meta f'moħħna u f'qalbna nfittxu l-ewwel li

   _______________________________________________ lil Alla.

**(8 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**E. <u>Kompli dawn is-sentenzi billi tuża kelmiet mill-kaxxa t'isfel.</u>**



1. L-Ispirtu s-Santu jagħmilna ____________ fil-Knisja ta' Ġesù dakinhar li nirċievu s-sagrament tal-_______________.
2. Fil-parroċċa tagħna għandna ____________ li jħobbu lil xulxin u jieħdu ħsieb ta' wliedhom.
3. Għandna l-______________ u s-_______________ li flimkien imexxu l-parroċċa kollha.
4. Fil-parroċċa ġieli jkollna wkoll kunventi tas-_____________, tal-_____________ jew tal-*brothers*.
5. Fil-parroċċa nsibu nies oħrajn li jagħmlu xogħol importanti. Għandna l-_______________, irġiel u nisa, li jgħallmu t-tagħlim Nisrani.
6. Għandna dawk li jiltaqgħu f'xi Għaqda biex _____________ flimkien.
7. Oħrajn jieħdu ħsieb iduru l-______________ u lil dawk li jgħixu _____________.

| |
|---|
| **membri, morda, jitolbu, waħedhom, katekisti, sorijiet, ġenituri, patrijiet, kappillan, saċerdoti, Magħmudija.** |

**(11-il marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**F. <u>Ikteb erba’ affarijiet li taf fuq dawn:</u>**

1. San Domenico Savio

a.________________________________________________

b. ________________________________________________

ċ.________________________________________________

d. ________________________________________________

2. San Franġisk t’Assisi

a.________________________________________________

b. ________________________________________________

ċ.________________________________________________

d. ________________________________________________

3. San Martin

a.________________________________________________

b. ________________________________________________

ċ.________________________________________________

d. ________________________________________________

4. San Ġorġ Preca

a.________________________________________________

b. ________________________________________________

ċ.________________________________________________

d. ________________________________________________

**(16-il marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Ġ. <u>Aqra dan li ġej.  Wara wieġeb fil-qosor.</u>**



Marija hija l-aktar mara qaddisa u Alla ried jagħżilha biex tkun l-Omm ta' Ibnu Ġesù. Lil Alla, Marija qatt ma qaltlu: "Le". Fil-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni aħna nifirħu magħha, għax Alla ried li sa minn dejjem jeħlisha minn kull tebgħa ta' dnub.

Madankollu, Marija ma kinitx imkabbra u lanqas kienet tgħix ta' sinjura. Kienet tmidd idejha għax-xogħol tad-dar u tara kif tgħin lill-ġenituri tagħha. Nhar ta' Sibt kienet tmur ma' sħabha fis-sinagoga biex tfaħħar 'l Alla bis-Salmi u tisma' l-Kelma tiegħu.

Marija kienet taħseb f'qalbha fuq il-wegħdiet li Alla għamel mal-poplu tagħha sa minn dejjem. Bħan-nies l-oħra li jafdaw f'Alla, kienet tistenna l-jum li fih kellu jitwieled il-Ħellies u l-Mexxej tal-bnedmin.

1. Alla x'għażilha biex tkun lil Marija?

_______________________________________________ (2 marki)

2. X'niċċelebraw fil-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni?

_______________________________________________

_______________________________________________(2 marki)

3. Semmi erba' affarijiet li juru kif kienet tgħix il-ħajja tagħha Marija.

- _______________________________________________
- _______________________________________________
- _______________________________________________
- _______________________________________________

(8 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. X'kienet taħseb f'qalbha Marija?

____________________________________________________________

_____________________________________________________ (2 marki)

5. X'kienet dejjem tistenna?

____________________________________________________________

_____________________________________________________ (2 marki)

6. Ikteb talba lil Marija biex tirringrazzjaha ta' dan kollu li għamlet miegħek.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

_____________________________________________________ (4 marki)

**(Total: 20 marka)**

**G. <u>Wieġeb fil-qosor fi kliemek.</u>**

1. Alla għandu xi bidu?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

2. X'għamel Alla mal-poplu tiegħu fuq is-Sinaj?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. X'għamel Alla biex jgħin lil David jikber u jagħmel ħafna ġid lill-poplu tiegħu?

4. Meta rċevejna l-ewwel darba l-Ispirtu s-Santu?

5. Bis-saħħa ta' min Marija setgħet tagħtina lil Ġesù?

**(10 marki)**



TMIEM IL-KARTA

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers